bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea u
Sp Noel Cutajar)
vs
Jackson Bird, iben Robert Leslie
Roughton, imwieled l-Ingilterra
Fl-1 ta' jannar, 1976
u
Ivan Pace, iben Emanuel, imwieled
Pieta' fis-7 ta' ġunju, 1977
u
Mark Ellul, iben Salvatore,
imwieled Pieta' fl-20 ta' awissu,
1980

Illum, 20 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli fis-Swieqi, fis-6 ta' frar, 2000 f'xi ħin kmieni fil-għodu kkomettew serq ta' diversi oġġetti minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FLI 551, għad-dannu ta' Maria Rosa Busuttil Dougall mis-Swieqi, liema serq hu aggravat bil-valur globali tal-oġġetti misruqa, liema valur hu ta' aktar minn mitt liri maltin (Lm100) iżda anqas minn elf liri maltin (Lm1,000), bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' is-serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt liri maltin (Lm500);
4. talli fis-Swieqi, fis-6 ta' frar, 2000 f'xi ħin kmieni fil-għodu, bil-ħsieb li jikkomettu serq minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAV 487, għad-dannu ta' Suzanne Micallef mis-Swieqi, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għal esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi sgassaw din il-vettura, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom;

5. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt liri maltin (Lm500);
6. talli fis-Swieqi, fis-6 ta' frar, 2000 f'xi ħin kmieni fil-għodu, bil-ħsieb li jikkomettu serq minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAM 991, għad-dannu ta' Simon Said mis-Swieqi, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għal esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi sgassaw din il-vettura, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom;
7. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt liri maltin (Lm500);
8. talli fis-Swieqi, fis-6 ta' frar, 2000 f'xi ħin kmieni fil-għodu kkomettew serq ta' stereo u diversi oġġetti oħra minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KBD 359, ta' l-għamla Fiat għad-dannu ta' James Bonello mis-Swieqi, liema serq hu aggravat bil-valur globali tal-oġġetti misruqa, liema valur hu ta' aktar minn mitt liri maltin (Lm100) iżda anqas minn elf liri maltin (Lm1,000), bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
9. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' is-serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
10. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt liri maltin (Lm500);
11. talli fis-Swieqi, fis-6 ta' frar, 2000 f'xi ħin kmieni fil-għodu kkomettew serq ta' flus u diversi oġġetti oħra minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAU 203, ta' l-għamla Hyundai għad-dannu ta' Silvio Falzon mis-Swieqi, liema serq hu aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
12. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' is-serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom;
13. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt liri maltin (Lm500);

lil Jackson Bird, waħdu,

14. talli bħala uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku li kellu d-dmir li jissorvelja biex ir-reat ma jsirx minħabba l-kariga tiegħu ta' suldat fir-rank ta' Gunner;
15. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, tas-17 ta' lulju, 1996, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ ġunju, 2002 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lit-tlett imputati ħatja tat-tieni, tad-disa’ u tat-tnax il-akkuża miġjuba kontra tagħhom u kwindi tilliberhom mill-istess akkużi. Issib lill-imputat Jackson Bird ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(g), 262(b), 263, 267, 271(g), 277(b), 325(b), 41(1)(a), 141, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mija u ħamsin liri maltin (Lm350). Issib lill-imputati Ivan Pace u Mark Ellul ħatja tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(g), 262(b), 263, 267, 271(g), 277(b), 325(b) u 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannhom għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mitt liri maltin (Lm300) kull wieħed minnhom.